# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

## Il-Pulizija
## (Spettur Daryl Borg)

## vs

## Ivan Marinov Borisov

## Illum 14 ta' Frar, 2020

Il-Qorti

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Ivan Marinov Borisov, detentur ta' passaport Bulgaru numru 384908331.

Akkuzat talli nhar it-13 ta' Frar 2020 u fil-jiem, gimghat u/jew xhur ta' qabel din id-data gewwa il-Belt Valletta u f'dawn il-gzejjer:

1. ghex ħajja ta' għażż u ta' vagabundaġġ; u

2. f'xi post pubbliku jimmolesta n-nies biex jitlob il-karità.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, il-fedina penali tieghu, il-koperazzjoni tieghu mal-pulizija, u l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 338(w)(x) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jghmalix reat iehor fi zmien sena.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sena.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**